**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 336/2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Cristina Amenta**

Illum is-6 ta' Mejju 2025

Il Qorti:

Rat li tressqet b'arrest Cristina Amenta, ta' nazzjonalità Taljana, ta' erbgħa u tletin (34) sena, bint Sebastiano Amenta u Enrica neé Rizzo, imwielda Augusta, Siracusa nhar it-8 ta' Mejju 1989, residenti 39, St. Vincent Street, Sliema, detentriċi tal-karta ta' l-identità Taljana CA52430IS.

Akkużata talli:

Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), b'diversi atti, magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

ġewwa l-kumpless Baystreet Shopping Complex, San Gillian, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommettiet serq ta' elf u għaxar Ewro (€1,010) fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur, liema valur jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), li sar għad-dannu ta' Yanica Barun (K.I. 0254286M) in rappreżentanza ta' Hudson Group u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 20, 261(ċ), 261(d), 267, 268(d), 279(a), 280 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli:

Fit-tletin (30) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), ġewwa l-kumpless Baystreet Shopping Complex, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

2. Ikkommettiet serq ta' sitt mija u ħames Ewro (€605) fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur, liema valur jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), li sar għad-dannu ta' Yanica Barun (K.I. 0254286M) in rappreżentanza ta' Hudson Group u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 20, 261(ċ), 261(d), 267, 268(d), 279(a), 280 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli:

Fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa l-kumpless Baystreet Shopping Complex, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

3. Ikkommettiet serq ta' tmenin Ewro (€80) fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna li sar għad-dannu ta' Yanica Barun (K.I. 0254286M) in rappreżentanza ta' Hudson Group u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261(d), 268(d), u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija Cristina Amenta sabiex tħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tħoss li għandha timponi sentenza sospiża.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Yanica Barun billi jiġu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba ukoll, sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tapplika wkoll l-Artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-vittma indikata, kif ukoll għall-familjari tagħha, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li matul l-eżami tal-imputata fl-udjenza tat-18 ta' April 2024, ai termini ta' l-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontra tagħha.[1]

[1] Folio 20 ta' l-atti proċesswali

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.[2]

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2024 il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkużi kif dedotti u ġew eżebiti l-akkużi mill-ġdid.[3]

Rat li l-imputata tat ruħha notifikata bl-akkużi l-ġodda.[4]

Rat illi reġgħu inqraw l-akkużi u li ġew ikkonfermati bil-ġurament.[5]

Rat li matul l-eżami tal-imputata fl-udjenza tat-16 ta' Mejju 2024, ai termini ta' l-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontra tagħha.[6]

Rat li fl-istess udjenza d-difiża eżentat lil Prosekuzzjoni milli terġa' ttella' mill-ġdid provi, xhieda, u dokumenti li diġà nstemgħu jew ġew preżentati fis-smiegħ ta' dawn l-atti.[7]

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2024 il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkużi kif dedotti u ġew eżebiti l-akkużi mill-ġdid.[8]

Rat li l-imputata tat ruħha notifikata bl-akkużi l-ġodda.[9]

Rat illi reġgħu inqraw l-akkużi u li ġew ikkonfermati bil-ġurament.[10]

---

[2] Dok. CA1, Folio 10 ta' l-atti proċesswali
[3] Folio 24-25 ta' l-atti proċesswali
[4] Folio 24-25 ta' l-atti proċesswali
[5] Folio 24-25 ta' l-atti proċesswali
[6] Folio 39 ta' l-atti proċesswali
[7] Folio 24-25 ta' l-atti proċesswali
[8] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali
[9] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali
[10] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali

Rat li matul l-eżami tal-imputata fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2024, ai termini ta' l-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata tenniet li kienet ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontra tagħha.[11]

Rat li fl-istess udjenza d-difiża eżentat lil Prosekuzzjoni milli terġa' ttella' mill-ġdid provi, xhieda, u dokumenti li diġà nstemgħu jew ġew preżentati fis-smiegħ ta' dawn l-atti.[12]

Rat illi fl-istess udjenza tat-12 ta' Novembru 2024 l-imputata Cristina Amenta b'mod volontarju rreġistrat ammissjoni inkondizzjonata għall-akkużi dedotti kontriha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatha u wissietha solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkonċedietilha żmien biżżejjed sabiex terġa' tikkonsulta ma' l-avukat tal-fiduċja tagħha u tikkonsidra t-tweġiba tagħha u, jekk ikun il-każ, terġa lura minnha.[13]

Rat li l-imputata reġgħet tenniet u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha.[14]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputata l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibha ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputata.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tagħha,

[11] Folio 116 ta' l-atti proċesswali
[12] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali
[13] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali
[14] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali

l-imputata effettivament mhux ħatja tar-reati addebit lilha. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ippruvati.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2024 id-difiża talbet sabiex isir *pre-sentencing report*.[15]

Rat il-*pre-sentencing report* ippreżentat mill-*probation officer* Ritianne Sultana Grech.[16]

Rat il-fedina penali ta' l-imputata aġġornata sat-28 ta' Jannar 2025.[17]

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2025.[18]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[19]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ imur lura għal perjodu ta' bejn id-29 ta' Diċembru 2023 u t-3 ta' Jannar 2024 u jirrigwarda r-reat ta' serq ikkwalifikat minn ġewwa l-kumpless Baystreet Shopping Complex, San Ġiljan fejn l-imputata Cristina Amenta kienet

[15] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali
[16] Dok. RSG1, Folio 142-164 ta' l-atti proċesswali
[17] Dok. 1, Folio 152-153 ta' l-atti proċesswali
[18] Folio 138 ta' l-atti proċesswali
[19] Folio 138 ta' l-atti proċesswali

impjegata bħala *sales assistant* ma' Hudson Malta Sales Limited u dan għaddannu ta' Yanica Barun.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizzjonata ta' l-imputata għal l-akkużi miġjuba kontra tagħha waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2024 din il-Qorti m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputata ħatja tar-reati addebiti fil-konfront tagħha u għalhekk ser tgħaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tagħha.[20]

Illi għal-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata l-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali ta' l-imputata aġġornata sat-28 ta' Jannar tas-sena 2025.[21] Sa dakinhar il-fedina penali kienet netta u ma jinsabu ebda sentenzi reġistrati kontriha. Madankollu ma ġietx imressqa fedina penali dwar possibilità ta' reati li saru barra minn Malta.

2. L-imputata ma ammettietx fl-ewwel okkażjoni li setgħet u fl-aktar stadju bikri. Fil-fatt irreġistrat ammissjoni wara ċirka seba' xhur minn l-inizju tal-proċeduri.[22]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti kkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli

[20] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali
[21] Dok. 1, Folio 152-153 ta' l-atti proċesswali
[22] Folio 111-112 ta' l-atti proċesswali

għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[23] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

*"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[24]

4. Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, stante li l-prosekuzzjoni kienet għadha ma għalqitx il-provi tagħha, tqis li l-ammissjoni saret fi stadju raġonevoli u għandha titqies bħala attenwanti favur l-imputata.

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. Il-Qorti ikkunsidrat illi r-reati ta' serq li l-imputata qed tammetti għalihom seħħew meta l-imputata kienet taħdem bħala *sales assistant* fil-ħwienet tad-derubata. Jirriżulta illi l-imputata waqt il-qadi ta' dan ix-xogħol kisret il-fiduċja fdata lilha u serqet l-ammont komplessiv ta' €1,695.

---

[23] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

[24] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

7. Illi fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni akkuża r-reat ta' serq huwa meqjus ikkwalifikat kemm bil-valur skond l-artikolu 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll bil-persuna skond l-artikolu 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Illi skond l-artikoli 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tali reat iġorr miegħu il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames (5) xhur sa tliet (3) snin. L-artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi ukoll illi l-Qorti għandha tagħti piena mhux fil-minimu tagħha stante li s-serq huwa ikkwalifikat kemm bil-valur u kif ukoll bil-persuna.

9. Illi skond l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li l-piena m'għandhiex tingħata fil-minimu, il-piena li għandha tingħata għandha dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu.

10. Illi fir-rigward tat-tielet akkuża r-reat ta' serq huwa meqjus ikkwalifikat bil-persuna skond l-artikolu 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat igorr il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' (7) xhur sa sentejn (2) skond l-artikolu 281(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Illi l-Qorti ikkunsidrat dak li jiddispondi l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar reat kontinwat, li bl-applikazzjoni tiegħu l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

12. Illi li l-imputata kkoperat bis-sħiħ mal-pulizija fl-investigazzjonijiet w kif ukoll l-imputata uriet rimors għal dak li kienet wettqet[25]. Dak kif

[25] Folio 145 ta' l-atti proċesswali

jirrizulta mill-*pre-sentencing report* ippreżentat minn l-uffiċċjal tal-*probation* Ritianne Sultana Grech.

13. Illi l-Qorti kkonsidrat dak irrakkomandat minn l-uffiċjal tal-*probation* Ritianne Sultana Grech u ċioe li l-imputata għandha tingħata ordni ta' *probation* fil-minimu.

14. Illi l-prosekuzzjoni issottomettiet illi tenut kont ta' l-ammissjoni bikrija l-Qorti għandha tikkunsidra piena alternattiva għal dik karċerarja, u issuġġeriet li tingħata Ordni ta' *Probation* fil-minimu tagħha skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-difiża abbraċjat ma' din is-sottomissjoni.[26]

15. Illi filwaqt li l-Qorti m'hijiex bl-ebda mod marbuta ma' dak li jissottomettu l-partijiet tara li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni in-nota ġuramentata ppreżentata mid-difiża li permezz tagħha ddikjarat illi l-ammont misruq lid-derubata ġie rifuż *in toto*.[27]

17. Illi ai termini ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-perjodu ta' Ordni ta' *Probation* li l-Qorti għandha tagħti m'għandux ikun inqas minn sena (1) u mhux aktar minn tliet (3) snin.

18. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza nostrana, meta tasal għal piena li għandha tiġi erogata l-Qorti m'għandiex tħares lejn il-piena biss bħala deterrent, iżda bħala piena restorattiva. Fil-fatt ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali li:

---

[26] Folio 165-169 ta' l-atti proċesswali

[27] Folio ???-??? ta' l-atti proċesswali

*"…huwa opportun li tneħħi l-impressjoni li l-iskop tal-liġi kriminali u tal-piena, hu biss li jkun ta' deterrent biex jgħallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa ċertament kunċett li għamel żmien u kien il-kunċett predominanti, però llum kunċett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta'sistema restorattiva, fejn jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anke taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, wkoll tal-preċedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonċiljazzjoni bejn l-aġent tad-delitt u l-vittma li tkun soffriet danni u anke sofferenzi oħrajn, imma anke li jkun hemm possibilità li dak li jkun jiġi riformat u jikkonvinċi ruħu li għandu jsegwi t-triq t-tajba."*[28]

19. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe, *"(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence"*.

20. Illi għalhekk minn dak li rat u eżaminat il-Qorti jirriżulta din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputata iżda trid ssib bilanċ bejn il-gravità tal-każ u l-ħarsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-soċjetà in ġenerali sabiex tara li dan ir-reat ma jerġax jiġi kommess kif ukoll tagħti l-ħarsien meħtieġa lil pubbliku u dan fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ il-każ.

21. Illi l-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li ssemmew aktar qabel u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet tqis li piena karċerarja b'mod effettiv mhux ser tkun l-aktar piena idonea f'dan il-każ u temmen illi piena alternattiva għall-

[28] **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri**, Qorti tal-Appell Kriminali, 22/9/1993

inkarċerazzjoni ser tirrendi aktar riżultat tenut kont tal-fatt li l-Qorti trid tħares lejn ir-riforma tal-persuna. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjetà u tal-imputata li hija titqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A, 18, 20, 28H, 261(ċ), 261(d), 267, 268(d), 279(a), 280, 281(a), 382, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil **Cristina Amenta** fuq ammissjoni tagħha stess, **ħatja** tal-akkużi dedotti fil-konfront tagħha u tpoġġiha taħt **Ordni ta' *Probation*** għall-perjodu ta' **sentejn (2)** mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-ħatja titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dik l-ordni u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom tinstab ħatja b'din is-sentenza.

Il-ħatja tiddikjara li taqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* għandhom jiġu trażmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-uffiċjal tal-*probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull tliet (3) xhur.

**Komunika**: Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole

In oltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' **Ordni ta' Trażżin** kontra l-ħatja a favur ta' Yanica Barun għal perjodu ta' **sentejn (2)** mid-data ta' din is-sentenza u li għandha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412Ċ(3)(6)(8)-(11) li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

**Komunika**: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Avukat Ġenerali sabiex tapplika l-provvediment 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi fil-mori tal-proċeduri l-ammont misruq ġie rifuż *in toto* minn l-imputata lid-derubata.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Avukat Ġenerali sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**